MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-15 ta' Lulju, 2016**

Rikors Revoka Numru: 1138/2015 LM

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1804/15 fl-ismijiet:

**Herman Zammit**

**vs.**

**G4S Security Services Limited ġià Group 4 Securitas (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **G4S Security Services Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti") ippreżentat fit-2 ta' Diċembru, 2015, li jaqra hekk:

> *Illi l-esponenti ġew avżati mill-Bank tagħhom dwar il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 1804/15 fuq talba ta' ċertu Herman Zammit, sentejn wara sentenza li fiha hemm iddikjarat illi huwa kkonfessa li kellu sehem fis-serqa.*

*Illi l-każ jirrigwarda serqa armata għad-dannu ta' Group 4 Securitas (Malta) Limited li ġrat fis-sena 1997, li fiha kienu kompliċi Godfrey Lopez (li kien impjegat ta' Group 4), il-kuġin tiegħu Herman Zammit u persuni oħra.*

*Illi kemm Godfrey Lopez kif ukoll Herman Zammit, meta ġew interrogati mill-Pulizija, ammettew il-parteċipazzjoni u involviment tagħhom f'dina s-serqa armata għad-dannu tas-soċjetà esponenti.*

*Illi huma tressqu b'akkużi serji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u wara li saret il-kumpilazzjoni tal-provi huma reġgħu ammettew l-akkużi fl-istess proċeduri kriminali.*

*Illi Godfrey Lopez u Herman Zammit ġew ikkundannati għal sentenza ta' priġunerija u daħlu jagħmlu ż-żmien tas-sentenza fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.*

*Illi fil-kawża ċivili li għaliha hemm riferenza fil-mandat ta' sekwestru mitlub minn Herman Zammit, l-istess Herman Zammit reġa' ammetta l-involviment tiegħu fl-istess serqa armata. Dan kollu jirriżulta mis-sentenza tal-25 ta' Novembru, 2013 (Ċitazzjoni Numru 1217/1997 MCH) li qiegħda tiġi annessa 'animo ritirandi'.*

*Illi l-mandat ta' sekwestru ġie mitlub u miksub kontra l-ordni pubbliku, u dan minħabba l-prinċipju universalment rikonoxxut "ex turpi causa non oritur actio" u "ex dolo malo non oritur actio".*

*Illi kif gie spjegat fis-sentenza "**Louis Borg Falzon vs. Korporazzjoni Enemalta**" (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 19 ta' Novembru, 2013), l-insenjament tal-Qrati tagħna dejjem kien, u hekk għadu, illi –*

> *"l-prinċipju li jispira l-Qrati tagħna .... huwa dak enunzjat fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju 1990 fl-ismijiet "**Mario Camilleri vs. Mario Borg et noe**" (Vol. LXXIV.iii.512), fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*
>
> > *"Il-Ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realtà u kemm huwa possibbli, terġa' tpoġġi lill-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel..."*

*Din l-istess vina ġiet segwita fil-kawżi "**Emanuel Agius vs. Joseph Galea et nomine**" (Deċ. fil-11 ta' Lulju, 1989) u **"Mario Camilleri vs. Mario Borg et nomine"** fejn ingħad illi:*

> *"Il-Ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realtà u kemm huwa possibbli, terġa' tpoġġi l-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel."*

*Illi permezz tal-imsemmi mandat ta' sekwestru, wieħed mill-ħallelin u kompliċi qiegħed jipprova jeżegwixxi kontra l-vittma tas-serqa armata, u għalhekk l-illegalità tal-'causa' ma tistax tkun iktar ċara.*

*Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet "**Carmel Farrugia et vs. Rita Fenech**" (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 21 ta' Frar, 2008) il-Qorti rrifjutat li twettaq obbligazzjoni msejsa fuq relazzjoni illeċita, u dan proprju minħabba l-illegalità tal-'causa' u minħabba l-ordni pubbliku ta' pajjiżna.*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet Herman Zammit, kompliċi kkonfessat fis-serqa armata għad-dannu ta' Group 4 Securitas (Malta) Limited, illum G4S Security Services Limited, m'għandux jitħalla jibbenefika mill-inikwità ppruvatat tiegħu stess. Dak li hu qiegħed effettivament jitlob lill-Qorti hu li hija twettaq kontra l-vittma u għad-dannu tal-vittma*

*misruqa, il-benefiċċju tal-arrikkiment inġust tiegħu – ħaġa li minħabba l-ordni pubbliku, dawn il-Qrati ma jistgħux jikkondonaw.*

*Illi jidher ċar li l-mandat ta' sekwestru ġie mitlub u miksub b'malizzja mill-ħalliel kontra d-derubat.*

*Illi fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-mandat għandu jiġi mħassar għal diversi raġunijiet, fosthom:*

> *(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Skont is-subinċiż (8) tal-Artikolu 836, il-ħruġ ta' dan il-mandat jista' jagħti lok għall-ħlas ta' penali stante li nħareġ b'malizja mill-ħalliel kontra d-derubat:*

> *(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru maħruġ fuq talba ta' Herman Zammit, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u jogħġobha twissih li jekk*

*jipprova bi kwalsiasi mod jeżegwixxi kontra l-esponenti, darb'oħra huwa jista' jkun passibbli wkoll għall-ħlas tal-penali.*

Rat ir-risposta tal-intimat **Herman Zammit** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ippreżentata fit-3 ta' Frar, 2016 li taqra hekk:

*Illi huwa għadu kif kien notifikat bir-rikors imsemmi, u ma jistax ma jesprimix is-sorpriża tiegħu għalih u, aktar u aktar, għall-kontenut tiegħu;*

*Difatti r-rikorrent qed jallega li "jidher ċar li l-mandat ta' sekwestru ġie mitlub u miksub b'malizzja..." kif ukoll li l-mandat "ġie mitlub u miksub kontra l-ordni pubbliku..."!*

*L-esponent ma jistax jifhem x'wassal lir-rikorrent biex jikteb dak li kiteb fir-rikors tiegħu. Dan billi r-rikorrent mal-istess rikors hemeż is-sentenza fil-kawża ċivili intentata minnu u oħrajn (Numru 1217/97) kontra l-esponent u oħrajn. A fol. 16 ta' din is-sentenza, in calce, insibu li din il-Qorti, diversament presjeduta, qatgħet dik il-kawża billi laqgħet l-ewwel żewġ talbiet iżda ċaħdet it-tielet u r-raba' talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti ħlief dawk rigwardanti l-ewwel u t-tieni talba.*

*Ir-rikorrenti ma appellawx u għalhekk is-sentenza esibita mar-rikors illum għaddiet inġudikat.*

*Meta nħarġet it-taxxa u saret ir-ratizzazzjoni rriżulta li l-esponent għandu kreditu kontra r-rikorrent. L-esponenti, permezz tad-difensur tiegħu, kiteb darbtejn u l-avukat li ffirma r-rikors qal li kien qed jara kif jagħmel biex isir il-ħlas dovut;*

*Billi ż-żmien beda dieħel l-avukat tal-esponenti f'nofs Ottubru qal lill-kontroparti li ma kienx dispost jistenna aktar mill-aħħar tax-xahar; fil-fatt stennew kważi sa nofs ix-xahar ta' wara, iżda inutilment u għalhekk kellu jsir il-mandat ta' sekwestru.*

*Fejn qatt ingħad li għax wieħed jirrikorri għal mandat biex jiġbor l-ispejjeż ta' kawża lilu dovuti, b'daqshekk ikun qed jaġixxi b'malizzja jew kontra l-ordni pubbliku kif qed isostni r-rikorrenti?*

*L-esponent iħoss li ma għandux ikompli jelabora iżda ma jistax ma jirrimarkax li*

> *(a) is-sentenza ċitati mir-rikorrent – dwar likwidazzjoni ta' danni wara inċident u tħassir ta' donazzjonijiet – assolutament m'għandhom l-ebda rilevanza għall-mertu tar-rikors odjern, i.e., kontestazzjoni ta' infurzar ta' sentenza li għaddiet inġudikat.*

> *(b) l-art. 836 tal-Kap. 12 invokat mir-rikorrenti jirrigwarda talba għall-ħruġ ta' kontromandat fil-konfront ta' <u>mandat kawtelatorju</u>; iżda l-mandat tal-esponenti kontestat mir-rikorrenti huwa wieħed <u>eżekuttiv</u> maħruġ fi tmien ta' kawża.*

*Għaldaqstant l-esponent jissottometti li t-talba tar-rikorrenti għandha tkun miċħuda b-ispejjeż.*

Rat l-atti tar-Rikors inkluż id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provvediment għas-seduta ta' llum.

I**kkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti flimkien mas-soċjetajiet assikuratriċi tagħha fetħu kawża kontra l-intimat u żewġ persuni oħra li permezz tagħha talbu:

1. dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu kompliċi f'serqa għad-dannu tal-Group 4 Securitas (Malta) Limited;

2. dikjarazzjoni ta' responsabbiltà *in solidum;*

3. likwidazzjoni tal-ammont misruq u tad-danni;

4. kundanna għall-ħlas tal-ammont likwidat.

Fost l-eċċezzjonijiet oħra mressqa mill-konvenuti, Herman Zammit eċċepixxa li ma kienx ċar jekk is-soċjetà assikuratriċi ġietx surrogata fid-drittijiet tas-soċjetà assikurata.

B'sentenza tal-25 ta' Novembru, 2013, din il-Qorti, diversament ippreseduta, laqgħet l-eċċezzjoni msemmija u lliberat lill-konvenuti kollha mill-osservanza

tal-ġudizzju fil-konfront tad-ditti assikuraturi, u laqgħet ukoll l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi filwaqt li ċaħdet it-tielet u r-raba' talba, "bl-ispejjeż għall-attur nomine ħlief dawk rigwardanti l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, li jitħallsu mill-konvenuti solidarment. Is-sentenza ma ġietx appellata.

Inħadmet it-taxxa tal-ispejjeż tal-kawża, u, meta saret ir-ratizzazzjoni, irriżulta li Herman Zammit għandu kreditu kontra G4 Security Services Limited. Fuq talba ta' Herman Zammit din il-Qorti ħarġet il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv mertu tar-rikors tas-soċjetà attriċi sabiex isir il-ħlas tal-kreditu li rriżulta mill-imsemmija taxxa.

Illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha fuq diversi kawżali li jistgħu jiġu rikapitolati kif ġej. Il-Qorti sejra tittrattahom waħda waħda:

**1. il-prinċipju li ħadd ma jista' jieħu vantaġġ mill-ħażen tiegħu stess.**

Il-ħażen li wettaq Herman Zammit kienet is-serqa. It-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni m'għandhiex *per se* x'taqsam ma' din is-serqa, imma hija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża kif magħmulha mill-Qorti fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha, abbażi tal-akkoljiment o meno tad-domandi tal-atturi u tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-fatt li l-kawża saret b'konsegwenza tas-serqa ma jfissirx, lanqas remotament, li l-ispejjeż ġudizzjarji huma r-riżultat tas-serqa, jew li l-intimat Herman

Zammit, meta ppreżenta r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, kien qiegħed japprofitta ruħu mis-serqa.

**2. il-mandat ġie mitlub u miksub kontra l-ordni pubbliku, għaliex huwa bbażat fuq kawża illeċita.**

Fil-fatt, il-"kawża" hija element essenzjali ta' kull negozju ġuridiku; u, huwa prinċipju legali elementari li, jekk "kawża" tkun illegali, ma tistax tgawdi mill-ħarsien tal-Qrati. B'danakollu l-kunċett ta' "kawża" mhux kunċett sempliċi minnu nnifsu u biex terġa' u tgħid għandu iktar minn tifsira waħda. Fost l-oħrajn:

(i) hemm it-tifsira klassika attribwita lil Domat u lil Pothier. Kull tip ta' kuntratt għandu l-*causa* partikolari tiegħu: fil-kuntratti sinallagmatiċi tfisser il-prestazzjoni tal-parti l-oħra; fil-kuntratti *in rem* tfisser it-trasferiment tal-ħaġa; f'donazzjoni, tfisser l-*animus donandi*.

(ii) hemm it-tifsira iktar riċenti: "Huwa indubitat, anke għaliex dan joħroġ mit-teorija oġġettiva l-aktar akkreditata, illi l-*causa* ta' ftehim hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-soċjali tan-negozju."[1]

(iii) meta jsir riferiment għall-"kawża tal-obbligazzjoni", dan jindika t-titolu li minnu jitnissel id-debitu. Dan jista' jitnissel kemm minn kuntratt (pereżempju,

[1] **Mizzi Albert vs. Debono Silvio** 11.01.2006 QA[PS].

*ex empto, ex locato*), kif ukoll *ex delicto* (pereżempju ħsara kkawżata minn negliġenza fis-sewqan).

(iv) meta jingħad li "m'hemmx kawża", ifisser il-fundament ta' attribuzzjoni patrimonjali, biex jiġi ddeterminat jekk ikunx ġustifikat it-trasferiment tal-ġid: jekk wieħed iħallas lil Tizju €100, għax jaħseb li għandu d-dejn miegħu, mentri fil-fatt ma jkollu jagħtih xejn, il-prestazzjoni hija *sine (iusta) causa* u għalhekk jista' jitlobhomlu lura.

(v) L-Artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili jagħti definizzjoni ta' "kawża illeċita": "Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku". Kawża bħal din "m'għandha l-ebda effett" (l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili).

Għalkemm l-istess Artikolu 987 tal-Kap. 16 jgħid li "l-obbligazzjoni … illeċita, m'għandha l-ebda effett", ma jidhirx li qiegħed jitkellem fuq l-obbligazzjonijiet kollha imma biss fuq dawk li jitwieldu mill-kuntratti. Fil-fatt l-Artikoli 987 sa 991, li jirregolaw l-istitut tal-"kawża" jinstabu kollha taħt il-Kap tal-Kodiċi Ċivili intitolat "Fuq il-Kawża tal-Kuntratti" li tifforma parti minn Sezzjoni I intitolata "Fuq ir-Rekwiżiti tal-Kuntratti". Anke fid-dottrina suesposta, għalkemm il-kelma "kawża" (jew *causa*) tingħata tifsiriet differenti, dawn isiru dejjem b'riferenza għall-kuntratti. Fil-każ preżenti, m'għandna l-ebda kuntratt, imma kreditu li twieled mill-pronunzjament ta' Qorti.

**3. b'effett tal-mandat sejjer ikun hemm arrikkiment inġust tal-ħalliel minn fuq dahar id-derubat.**

Dan l-istitut, issa rregolat permezz tal-Artiklu 1028A tal-Kodiċi Ċivili, huwa wieħed mill-kważi-kuntratti. Fil-każ preżenti l-kreditu nħoloq b'ordni tal-Qorti u mhux permezz ta' xi att eżegwit minn Herman Zammit għad-dannu tas-soċjetà attriċi.

**4. l-Artikolu 836 tal-Kap, 12, li jelenka l-istanzi li fihom mandat għandu jitħassar.**

Il-mandat *de quo agitur* huwa wieħed eżekuttiv, filwaqt li l-Artikolu 836 jirreferi għall-mandati kawtelatorji u għalhekk ma japplikax għal dan il-każ.

Ir-raġunijiet miġjubin għar-revoka tal-mandat inkwistjoni ma jimpunjawx xi irregolarità jew nullità tal-att eżekuttiv innifsu, imma jattakkaw il-ġustizzja tas-sentenza li inforza tagħha Herman Zammit kiseb titolu eżekuttiv u ħa ħsieb jeżegwixxi. Ir-rimedju għal din il-pretiża inġustizzja kellu jkun l-appell. Is-soċjetà attriċi iżda ma użatx din l-għodda proċedurali hekk estensiva fiż-żmien lilha konċess. Għal dan in-nuqqas, ma jaħti ħadd ħliefha: *imputet sibi*. Konsegwentement, f'dan l-istadju, taħseb x'taħseb is-soċjetà attriċi, ma tistax tattakka s-sentenza, għax din għaddiet inġudikat li, għal raġunijiet ta' utilità u bon ordni soċjali, anke jekk jista' ma jissodisfax għalkollox raġunijiet ta'

ġustizzja assoluta, ma jistax jiġi attakkat u għalhekk lanqas jista' jiġi attakkat att eżekuttiv magħmul bis-saħħa tal-istess sentenza.

**Decide**

**Għaldaqstant it-talba tas-soċjetà rikorrenti għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru nru 1804/15 qiegħda tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha.**

Moqrija